**Dispożittiv**

*L-Artikoli 65, 90(1), 168(a), 185(1) u 193 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeżiġu li t-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud imwettaq mid-destinatarju ta' fattura stabbilita sabiex isir pagament akkont fir-rigward tal-kunsinna ta' merkanzija għandu jiġi aġġustat meta, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, din il-kunsinna fl-aħħar mill-aħħar qatt ma titwettaq, u dan anki jekk il-fornitur jibqa' responsabbli għall-ħlas ta' din it-taxxa u ma jkunx irrimborsa l-pagament akkont.*

([1]) ĠU C 129, 04.05.2013

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Köln – il-Ġermanja) – Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV vs ILME GmbH**

**(Kawża C-132/13)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Direttiva 2006/95/KE — Kunċett ta' "tagħmir elettriku" — Marka ta' konformità CE — Kejsings għal konnetturi multipolari tal-elettriku)***

(2014/C 135/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV

*Konvenuta:* ILME GmbH

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari – Landgericht Köln – Interpretazzjoni tal-Artikoli 1, 8 u 10, kif ukoll tal-Annessi II sa IV tad-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 374, p. 10) – Kunċett ta' "tagħmir elettriku" – Projbizzjoni li titqiegħed il-marka ta' konformità "CE" fuq kejsings għal konnetturi multipolari tal-elettriku mibjugħa bħala unitajiet separati

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kejsings ta' konnetturi multipolari għal użu industrijali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "tagħmir elettriku", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u għandhom ikollhom, konsegwentement, il-marka CE bil-kundizzjoni li l-inkorporazzjoni tagħhom b'mod korrett u konformi mal-użu intiż tagħhom fl-ebda każ ma tkun tista' twassal sabiex tiġi kompromessa l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti fil-qasam tas-sigurtà li fir-rigward tagħhom ikunu ġew ikkontrollati.*

([1]) ĠU C 164, 08.06.2013.

---